IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.6.2016
COM(2016) 383 final

2016/0180 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja u li tħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

Fid-dinja tal-lum u ta' għada neħtieġu ħiliet usa' u ta' livell ogħla biex inkunu nistgħu naħdmu, nikkomunikaw, naċċessaw l-informazzjoni, il-prodotti u s-servizzi u biex nieħdu sehem fl-ambjent ċiviku u soċjali.

Biex kull wieħed minna jikseb u jaġġorna l-ħiliet tiegħu matul ħajtu, waqt li jkun qed javvanza fost it-tipi u l-livelli differenti tal-edukazzjoni, mill-edukazzjoni għall-impjieg u minn pajjiż għall-ieħor, hemm bżonn kbir li jinftiehem tajjeb x'inhuma l-ħiliet disponibbli u ssir valutazzjoni tagħhom. B'hekk jista' jitjieb it-tqabbil bejn il-provvista tal-ħiliet u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

Il-kwalifiki jirriflettu x'jafu n-nies, fiex jifħmu u x'kapaċi jagħmlu; u dawn jista' jkollhom forom differenti bħal diploma jew ċertifikat. It-trasparenza fuq xi jkunu tgħallmu tassew in-nies qabel ingħataw xi kwalifika partikolari ("l-eżiti tat-tagħlim") hi meħtieġa ferm biex ikun żgurat li l-individwi u l-impjegaturi jagħtu l-valur ekonomiku, soċjali u akkademiku xieraq lill-kwalifiki.

Id-differenzi fost is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fl-UE jagħmluha diffiċli biex issir valutazzjoni ta' dak li xi ħadd bi kwalifika minn xi pajjiż ieħor ikun tassew jaf, jifhem u kapaċi jagħmel fil-kuntesti tat-tagħlim jew tax-xogħol. In-nuqqas ta' fehim biżżejjed idgħajjef il-fiduċja fil-kwalità u fil-kontenut tal-kwalifiki miksuba fi Stat Membru ieħor. Dan jgħodd ukoll għall-kwalifiki mogħtija barra mis-sistema formali u minn entitajiet u organizzazzjonijiet internazzjonali. Jekk tkun nieqsa l-fiduċja f'dawn il-kwalifiki, jonqsu l-opportunitajiet tal-iżvilupp professjonali, tar-reklutaġġ u tal-promozzjoni u jonqsu wkoll l-opportunitajiet ta' aktar tagħlim għall-ħaddiema u għall-istudenti b'dan it-tip ta' kwalifiki, filwaqt li jinħolqu ostakli għall-mobilità tal-ħaddiema u tal-istudenti fl-UE, kemm fi ħdan il-fruntieri u anki bejniethom.

Biex jiġu indirizzati dawn id-differenzi, hemm bżonn li jinħoloq mekkaniżmu li jqabbel is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki u li jiżgura li l-eżiti tat-tagħlim ta' kull kwalifika jistgħu jinftiehmu u jitqabblu faċilment.

Fl-2008 twaqqaf il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (il-QEK)[1] permezz ta' Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan sar bil-ħsieb li jitjiebu t-trasparenza, il-komparabbiltà u l-portabbiltà tal-kwalifiki tan-nies fl-Ewropa.

Ir-Rakkomandazzjoni ħolqot qafas ta' referenza komuni bi tmien livelli ġeneriċi Ewropej tat-tagħlim li jservi bħala "tabella ta' konverżjoni" bejn is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki. Kull livell hu definit mil-lat ta' għarfien, ħiliet u kompetenza b'mod relattivament astratt. Dan ikopri kull tip u livell ta' kwalifika, anki dawk li nkisbu bl-edukazzjoni u bit-taħriġ formali f'kull livell, u l-kwalifiki tas-settur privat u l-kwalifiki (settorjali) internazzjonali. Il-livell 1 jirrappreżenta l-inqas livell ta' profiċjenza u l-livell 8 hu l-ogħla. Fil-prinċipju, kull mod possibbli tat-tagħlim jista' jwassal għall-eżiti tat-tagħlim li jikkorrispondu għat-tmien livelli, inkluż it-tagħlim mhux formali u informali.

[1] ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1.

Il-livelli tal-kwalifiki nazzjonali jitqabblu mat-tmien livelli tal-QEK bil-proċess imsejjaħ "ir-referenzjar". F'dan il-kuntest, l-ewwel, il-kwalifiki jiddaħħlu fil-qafas nazzjonali għall-kwalifiki partikolari (issir il-klassifikazzjoni tal-kwalifiki nazzjonali u l-livelli tagħhom), imbagħad bit-tabella ta' konverżjoni tal-QEK, il-livelli tagħhom jitqabblu mal-bqija fl-UE.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK tistieden lill-Istati Membri biex:

(1) sal-2010 jorbtu s-sistemi u l-livelli tal-kwalifiki tagħhom mat-tmien livelli tal-QEK;

(2) sal-2012 jindikaw il-livelli tal-QEK fuq iċ-ċertifikati/diplomi l-ġodda li jinħarġu jew fuq is-supplimenti taċ-ċertifikati/diplomi;

L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK waslet biex tintemm kollha. Bħalissa fil-QEK qed jieħdu sehem 39 pajjiż u dan joħroġ fid-dieher il-livell ta' impenn biex jintħalaq l-għan ġenerali tat-trasparenza u tal-komparabbiltà tal-kwalifiki fl-Ewropa kollha. Fil-bidu tal-2016, 22 Stat Membru u ħames stati li mhumiex membri temmew il-proċess tar-referenzjar tal-livelli tal-kwalifiki nazzjonali tagħhom mal-QEK. Tliet Stati Membri ppreżentaw l-ewwel rapport tar-referenzjar iżda dawn ir-rapporti kien għad irid japprovahom il-Grupp Konsultattiv tal-QEK It-tliet Stati Membri l-oħra ppjanaw li jagħmlu r-referenzjar matul l-2016. Ħlief l-Italja, kull pajjiż lesta r-referenzjar tal-livelli tal-kwalifiki tiegħu mal-QEK permezz tal-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki. Barra minn hekk, sal-ewwel xhur tal-2016, kien hemm 15-il pajjiż li qed jindikaw il-livelli tal-QEK fuq iċ-ċertifikati u d-diplomi, u dawn mistennija jiżdiedu ġmielhom sa tmiem l-2016.

Il-QEK kien xprun sinifikanti fl-iżvilupp tal-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki. Dan jinkludi l-qalba relatata għall-eżiti tat-tagħlim, biex il-kwalifiki ma jibqgħux jingħataw skont il-fatturi tal-input, bħat-tul tal-kors u s-sigħat fil-klassi. Sa minn meta dawn id-deskrizzjonijiet tal-eżiti tat-tagħlim iddaħħlu b'mod sistematiku f'kull livell u tip ta' kwalifika, dawn kienu importanti biex jiġu modernizzati l-politiki u l-prattiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u biex jinħolqu opportunitajiet ħalli l-istudenti jkollhom mogħdijiet tat-tagħlim aktar flessibbli.

Minkejja li r-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK ġiet implimentata b'suċċess, l-għanijiet tagħha tat-trasparenza, tal-komparabbiltà u tal-portabbiltà tal-kwalifiki għadhom ma ntlaħqux. Dan ġara l-aktar minħabba l-limitazzjonijiet li għandha r-Rakkomandazzjoni stess. U għalhekk din ir-Rakkomandazzjoni trid issirilha reviżjoni ħalli jiġu indirizzati dawn l-isfidi:

Mhux kull pajjiż għamel ir-referenzjar kollu tas-sistema tal-kwalifiki tiegħu mal-QEK, minkejja li dan il-qafas għandu natura ġenerali.

Xi pajjiżi ffokaw r-referenzjar tagħhom fuq il-kwalifiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (l-ETV) biss, filwaqt li oħrajn ħallew barra s-sistema tal-edukazzjoni ġenerali tagħhom. Fejn jidħlu l-kwalifiki privati, mhux formali u internazzjonali, is-sitwazzjoni hi ferm aktar diversa għax f'xi pajjiżi dawn huma parti mill-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki filwaqt li f'pajjiżi oħrajn m'humiex. Ir-Rakkomandazzjoni attwali ma tipprovdi l-ebda mezz li jiggarantixxi li t-tipi kollha tal-kwalifiki (fosthom dawk mis-settur privat) ikunu parti mill-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki. Barra minn hekk, is-sistemi u l-oqfsa tal-kwalifiki jinbidlu maż-żmien u r-Rakkomandazzjoni ma tinkludix stedina lill-Istati Membri biex ir-referenzjar tal-kwalifiki tagħhom mal-QEK iżommuh aġġornat.

Minn pajjiż għal ieħor, id-deskrizzjonijiet tal-kontenut ta' kwalifiki simili jvarjaw ferm

Ma jeżisti l-ebda mudell Ewropew komuni biex jiddeskrivi l-kwalifiki u l-eżiti mit-tagħlim tagħhom: dan ixekkel il-komparabbiltà tagħhom. Barra minn hekk, ħafna drabi ma jkunx faċli li wieħed jikseb informazzjoni fuq il-kontenut ta' kwalifika partikolari għax b'mod ġenerali

din la tkun inkluża b'mod sistematiku fil-bażijiet tad-dejta u fir-reġistri tal-kwalifiki u lanqas ma tixxerred fil-livell Ewropew. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qablu fil-livell tekniku li għandu jiġi ppreżentat sett minimu ta' informazzjoni. Dan ma jkunx jiġbor biss l-informazzjoni fuq l-eżiti tat-tagħlim tal-kwalifiki iżda anke informazzjoni fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-krediti possibbli.

Il-limitazzjoni tat-terminu 'kompetenzi' għat-tifsira ta' 'awtonomija u responsabbiltà'

It-terminu 'kompetenzi' kif jintuża fil-kuntest tad-deskritturi tal-eżiti tat-tagħlim li hemm fit-tielet kolonna tad-deskritturi tal-QEK[2] tal-Anness II tar-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK hu limitat għat-tifsira ta' 'awtonomija u responsabbiltà'. Dan mhux konsistenti mad-definizzjoni ġenerali tal-kompetenza kif tintuża b'mod wiesa' fil-politiki Ewropej tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, kif imsawra fl-Anness I tar-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK: '*il-ħila manifestata tal-użu tal-konoxxenza, ħiliet u abbiltajiet personali, soċjali u/jew metodoloġiċi, f'sitwazzjonijiet ta' xogħol jew studju u fl-iżvilupp professjonali u/jew personali*'.

Il-fiduċja fil-kwalità u fil-livell tal-kwalifiki referenzjati mal-QEK

Din hi essenzjali biex tiġi appoġġata l-mobbiltà tal-istudenti u tal-ħaddiema fi ħdan il-fruntieri ġeografiċi u settorjali u bejniethom. Madankollu, il-prinċipji komuni tal-assigurazzjoni tal-kwalità li qed jitħaddmu bħalissa jirreferu għall-assigurazzjoni tal-kwalità b'mod ġenerali u mhux speċifikament għall-kwalifiki referenzjati mal-QEK. Barra minn hekk, minkejja li l-QEK għandu natura ġenerali, il-prinċipji tiegħu tal-assigurazzjoni tal-kwalità (l-Anness III tar-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK) jirreferu biss għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (l-ETV) u għall-edukazzjoni ogħla, u għalhekk ma japplikawx għal:

– il-kwalifiki li jirriżultaw mill-edukazzjoni ġenerali;

– il-kwalifiki li jirriżultaw mill-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali fis-settur privat;

– il-kwalifiki internazzjonali (kemm settorjali u le).

Dan ineħħi l-fiduċja fost l-Istati Membri tul l-ispettru kollu tal-kwalifiki.

L-ebda mekkaniżmu komuni għat-trasferiment u l-akkumulazzjoni tal-krediti għall-kwalifiki relatati mal-QEK

Għalkemm il-QEK għandu l-għan li jippromwovi mogħdijiet flessibbli tat-tagħlim u jiffoka fuq l-eżiti tat-tagħlim indipendentement minn fejn inkisbet il-kwalifika (kwalunkwe settur mill-edukazzjoni formali jew permezz ta' validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali), ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu komuni għat-trasferiment u l-akkumulazzjoni tal-krediti għall-kwalifiki relatati mal-QEK. Dan jagħmilha aktar diffiċli biex wieħed jibdel ix-xenarju tat-tagħlim kemm fl-Istat Membru u anke bejn l-Istati Membri. Iżda dawn il-bidliet huma fundamentali għan-nies li jġarrbu bosta minnhom tul il-karriera tat-tagħlim u tax-xogħol tagħhom.

Aktar kwalifiki (settorjali) internazzjonali bbażati fuq l-istandards li jiżviluppaw il-kumpaniji internazzjonali jew l-organizzazzjonijiet settorjali

Aktar ma qed tikber l-internazzjonalizzazzjoni tal-ktajjen tal-valur tal-prodotti u tas-servizzi, aktar qed jiżdiedu t-taħriġ u ċ-ċertifikazzjonijiet ibbażati fl-industrija tal-kwalifiki (settorjali) internazzjonali, ibbażati fuq l-istandards li jiżviluppaw il-kumpaniji internazzjonali jew l-

[2] Fil-kuntest tal-QEK, 'kompetenza' hija deskritta f'termini ta' responsabbiltà u awtonomija.

organizzazzjonijiet settorjali, bħal pereżempju l-qafas tal-kompetenza elettronika jew l-oqfsa settorjali bankarji u tal-iwweldjar.

Ir-Rakkomandazzjoni attwali tistipula li l-organizzazzjonijiet settorjali internazzjonali għandhom ikunu jistgħu jirrelataw is-sistemi tal-kwalifiki tagħhom ma' punt ta' referenza komuni Ewropew sabiex juru r-rabta bejn il-kwalifiki settorjali internazzjonali u s-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki. Madankollu, ir-Rakkomandazzjoni ma fihiex dispożizzjonijiet espliċiti dwar kif trid tinkiseb din ir-rabta diretta mal-QEK. Minħabba n-nuqqas ta' proċedura komuni, xi Stati Membri integraw uħud mill-kwalifiki (settorjali) internazzjonali fl-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki tagħhom. Minħabba f'hekk, l-istess kwalifika jkollha ssegwi l-proċeduri nazzjonali kollha u dan joħloq riskju kbir ta' inkonsistenzi fost il-pajjiżi, fosthom ir-riskju li l-istess kwalifika tingħata livelli differenti tal-QEK. Barra minn hekk, dan iżid il-piż amministrattiv kbir għall-organizzazzjonijiet (settorjali) internazzjonali għax dawn dawk ikollhom jissodisfaw kull proċedura u rekwiżit nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità.

Oqfsa komuni tat-taħriġ ibbażati fuq il-livelli tal-QEK

Id-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki Professjonali tistipula li, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi f'atti delegati oqfsa komuni tat-taħriġ għall-professjonijiet regolati fil-livell nazzjonali bħala settijiet minimi tal-eżiti tat-tagħlim ibbażati fuq il-livelli tal-QEK. Il-kwalifiki li jikkonformaw mal-qafas komuni tat-taħriġ relatat se jiġu rikonoxxuti awtomatikament mal-UE kollha. Din id-dispożizzjoni hija ġdida u għadu ma ġie stabbilit l-ebda qafas komuni tat-taħriġ. Id-Direttiva ma tistipulax kif il-livelli tal-QEK se jiġu allokati għall-oqfsa komuni tat-taħriġ.

Ir-rabta bejn il-QEK u l-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki fil-pajjiżi terzi

Il-QEK kien għajn ta' ispirazzjoni biex inħolqu oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki u meta-oqfsa barra mill-UE. Bosta pajjiżi terzi wrew l-interess tagħhom li jirreferenzjaw jew jarmonizzaw is-sistemi tagħhom mal-QEK biex il-kwalifiki tagħhom ikunu jistgħu jqabbluhom ma' dawk tal-UE. Għalkemm żdiedu l-flussi tal-istudenti u tal-ħaddiema fl-UE u 'l barra mill-UE, ir-Rakkomandazzjoni dwar il-QEK ma fiha l-ebda dispożizzjoni li tippermetti allinjament formali mal-oqfsa tal-pajjiżi terzi. F'termini prattiċi, dan ixekkel it-tqabbil formali tal-kwalifiki tal-pajjiżi terzi mal-kwalifiki mogħtija fl-UE.

In-nuqqas ta' tqabbil tal-kwalifiki mogħtija fl-UE mal-kwalifiki tal-pajjiżi terzi jdgħajjef il-fiduċja fil-kwalifiki barranin u jagħmel ir-rikonoxximent tagħhom aktar diffiċli. Dan jiżvantaġġa lill-migranti (fosthom ir-refuġjati) li għandhom kwalifiki barranin meta mqabbla maċ-ċittadini tal-pajjiż, u jxekkel l-opportunitajiet tagħhom għall-iżvilupp professjonali u għall-promozzjoni. Din is-sitwazzjoni tapplika kemm għall-persuni bi kwalifiki ta' pajjiżi terzi li jiġu fl-UE kif ukoll għal dawk bi kwalifiki tal-UE li jmorru fil-pajjiżi terzi. F'livell aktar istituzzjonali, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi terzi, bħall-Marokk, l-Ukraina, il-Ġeorġja u l-Moldova fihom dispożizzjonijiet għall-koperazzjoni fuq ir-referenzjar mal-QEK. Madankollu ma ġie stabbilit l-ebda mekkaniżmu ta' governanza biex jiżgura l-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Il-governanza tal-QEK

Wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK, il-Kummissjoni waqqfet grupp informali ta' esperti (il-Grupp Konsultattiv tal-QEK, minn hawn 'il quddiem "GK tal-QEK") biex jipprovdi koerenza ġenerali u jippomwovi t-trasparenza fil-proċess tat-tqabbil tas-sistemi tal-kwalifiki mal-QEK. Ir-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK stiednet lill-Istati Membri biex fil-livell nazzjonali jwaqqfu Punti ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għall-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (EQF-NCPs) biex jappoġġaw u jikkoordinaw ir-referenzjar tas-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki mal-QEK.

Il-GK tal-QEK kien pjattaforma effettiva li wieżnet l-iskambju tal-informazzjoni u r-rabtiet bejn il-pajjiżi u għenet fil-proċess tar-referenzjar bl-istabbiliment ta' kriterji tar-referenzjar. Iżda n-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-istrutturi ta' governanza tal-UE fuq l-attivitajiet relatati mal-ħiliet u l-kwalifiki kollha żamm lura milli jkun hemm aktar effiċjenza u sinerġiji bejn il-QEK u strumenti oħra tat-trasparenza fil-livell tal-UE u nazzjonali (bħalma huma l-Europass u l-ESCO).

L-għanijiet tal-proposta

Din il-proposta ssejjes fuq il-kisbiet tar-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK. Din tiżgura l-kontinwità fil-proċess imniedi minn pajjiżi individwali biex jirreferenzjaw l-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki tagħhom mal-livelli tal-QEK. Il-qofol tal-proċess tal-QEK, jiġifieri r-referenzjar tal-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki u l-livelli tagħhom mal-QEK, għadu fis-seħħ. Il-proposta tara li jissokta l-iżvilupp tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u li dan isir aktar effettiv ħalli l-impjegaturi, il-ħaddiema u l-istudenti jkunu jistgħu jifhmu aħjar il-kwalifiki nazzjonali, internazzjonali u tal-pajjiżi terzi. B'dan il-mod, l-inizjattiva tgħin biex il-ħiliet u l-kwalifiki disponibbli jintużaw aħjar għall-ġid tal-individwi, tas-suq tax-xogħol u tal-ekonomija.

B'mod aktar speċifiku, il-proposta għandha l-għan li:

– issaħħaħ il-proċess eżistenti nazzjonali billi tirreferenzja s-sistemi u l-livelli nazzjonali tal-kwalifiki mal-QEK;

– ittejjeb it-trasparenza, il-komparabbiltà u l-fehim tal-kwalifiki li jkollhom l-individwi;

– tiżgura li pajjiżi differenti jimplimentaw il-QEK b'mod aktar konsistenti;

– ittejjeb it-tixrid u l-komunikazzjoni tal-QEK;

– tappoġġa l-mogħdijiet flessibbli tat-tagħlim u t-tranżizzjonijiet bla xkiel fi ħdan u fost is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u mill-edukazzjoni/it-taħriġ għax-xogħol;

– fi stadju aktar tard, iżżid it-trasparenza, il-fehim u l-komparabbiltà tal-kwalifiki tal-pajjiżi terzi mal-kwalifiki mogħtija fl-UE;

– tiżgura governanza aktar effettiva tal-QEK fil-livell tal-UE u nazzjonali.

L-inizjattiva mhix parti mill-programm ta' idoneità regolatorja "REFIT".

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-politika**

Il-proposta hija waħda mill-inizjattivi tal-Aġenda l-Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa u tikkumplimenta l-azzjonijiet l-oħra proposti f'dan il-kuntest:

– Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ il-Garanzija tal-Ħiliet[3]. Il-Garanzija tal-Ħiliet se tinfetaħ għall-adulti li ħallew l-edukazzjoni jew it-taħriġ inizjali mingħajr ma jkunu temmew l-edukazzjoni sekondarja jew ekwivalenti (il-livell 4 tal-QEK). Il-Garanzija tal-Ħiliet se tagħtihom aċċess għal mogħdijiet biex itejbu l-ħiliet ħalli jkunu jistgħu jiksbu livell minimu ta'

[3] Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Istabbiliment ta' Garanzija tal-Ħiliet, COM(2016) 382

litteriżmu, numeriżmu u ħiliet diġitali u/jew sett usa' ta' ħiliet, u b'hekk ikunu jistgħu jiksbu kwalifika fil-livell 4 tal-QEK.

Il-proposta hi konsistenti wkoll ma' politiki u inizjattivi Ewropej oħrajn dwar l-edukazzjoni u l-impjiegi, jiġifieri:

– Id-Deċiżjoni Nru 2241/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas Komunitarju waħdieni għat-trasparenza tal-kwalifiki u tal-kompetenzi[4], li tipprovdi qafas biex lin-nies jgħinhom jippreżentaw il-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom.

– il-prijoritajiet il-ġodda tal-qafas strateġiku għall-koperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ sal-2020, kif stabbilit fir-Rapport Konġunt "Edukazzjoni u Taħriġ 2020", adottat fl-2015[5]. Ir-rapport jitlob li jkompli jiġi żviluppat il-QEK biex il-kwalifiki jsiru aktar trasparenti u komparabbli;

– ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali[6], li tistieden lill-Istati Membri biex joħolqu l-mekkaniżmi għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali b'rabta mal-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki. Dawn il-mekkaniżmi, li jridu jkunu konformi mal-QEK, għandhom jiġu stabbiliti sal-2018. Skont ir-Rakkomandazzjoni, l-individwi għandhom ikunu jistgħu jiksbu kwalifiki sħaħ jew parzjali skont l-eżiti tat-tagħlim validati li jkunu nkisbu barra mis-sistemi formali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ;

– il-Klassifikazzjoni Ewropea tal-Ħiliet, il-Kompetenzi, il-Kwalifiki u l-Impjiegi (l-ESCO) multilingwi. L-ESCO u l-QEK se jużaw l-istess format għall-pubblikazzjoni elettronika tal-informazzjoni dwar il-kwalifiki (inkluż fl-Anness VI tal-proposta);

– L-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (l-EHEA-ESG)[7], żviluppati fil-kuntest tal-Qasam Ewropew tal-Edukazzjoni Ogħla u r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew ta' Referenza tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (l-EQAVET)[8];

– ir-Reġistru indipendenti Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-edukazzjoni ogħla[9] żviluppat fil-kuntest taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja, li hu reġistru tal-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità li jikkonformaw sostanzjalment mal-ESG;

– is-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment tal-Krediti (l-ECTS)[10] li ġiet żviluppata fil-kuntest taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja u s-Sistema Ewropea tal-Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (l-ECVET) stabbilita bir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009[11];

– il-proċess ta' Bologna dwar l-edukazzjoni ogħla: 38 minn 48 pajjiż Ewropew taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja jieħu sehem fil-QEK. Il-proposta hi kompatibbli mal-Qafas tal-Kwalifiki għaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (QF-EHEA). B'mod partikolari, id-deskritturi għall-livelli 5 sa 8 tal-QEK huma

4 [4]ĠU L 390, 31.12.2004, p. 6.
5 [5]ĠU C 417, 15.12.2015, p. 25.
6 [6]ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.
7 http://www.enqa.eu/wp-content/uploads/2015/11/ESG_2015.pdf.
8 [8]ĠU C 155, 8.7.2009, p. 1.
9 [9]https://www.eqar.eu/.
10 http://ec.europa.eu/education/library/publications/2015/ects-users-guide_en.pdf.
11 [11]ĠU C 155, 8.7.2009, p. 11.

kompatibbli mad-deskritturi ta' Dublin għat-tliet ċikli tal-QF-EHEA, inkluż iċ-ċiklu l-qasir li hu marbut mal-ewwel ċiklu jew li qiegħed fi ħdanu. Il-prattika attwali tar-referenzjar turi li ħafna mill-pajjiżi rreferenzjaw mal-QEK u awtoċċertifikaw mal-QF-EHEA fi proċess wieħed;;

– il-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki dwar l-Edukazzjoni Għolja fir-Reġjun Ewropew (il-Konvenzjoni ta' Lisbona għar-Rikonoxximent) u r-Rakkomandazzjoni dwar l-użu tal-oqfsa tal-kwalifiki għar-rikonoxximent tal-kwalifiki barranin, li tirreferi b'mod espliċitu għall-QEK bħala għodda li trid tintuża għar-rikonoxximent akkademiku;

– il-politiki u l-inizjattivi dwar l-impjiegi, bħalma huma r-Regolament EURES u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u dwar il-Qgħad fit-Tul;

– Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali[12], emendata bid-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013[13]. Skont id-Direttiva, il-Kummissjoni tista' twaqqaf oqfsa komuni tat-taħriġ bħala sett komuni ta' eżiti tat-tagħlim minimi li huma meħtieġa biex wieħed jasal għal professjoni speċifika. L-oqfsa komuni tat-taħriġ iridu jissejsu fuq il-livelli tal-QEK

• **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta tappoġġa l-prijorità tal-Kummissjoni li tingħata spinta lit-tkabbir u lill-impjiegi billi jiffaċilitaw użu aħjar tal-kapital uman u b'hekk ikunu qed jgħinu t-tkabbir u l-kompetittività. Din għandha l-għan li tneħħi l-ostakli għall-mobbiltà u b'hekk tiffaċilita u tappoġġa l-għan tal-moviment liberu tal-ħaddiema.

Jekk il-kwalifiki tal-pajjiżi terzi jinftiehmu aħjar, dan jappoġġa l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni. Iż-żieda fil-flussi migratorji mill-Unjoni Ewropea u lejha tenfasizza l-ħtieġa li l-kwalifiki mogħtija barra mill-UE jinftiehmu aħjar, u l-ħtieġa li fis-swieq tax-xogħol tal-UE titrawwem l-integrazzjoni tal-migranti bħalma jisħaq il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi[14]. Il-proposta hi konsistenti mal-politika tal-UE dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

• **Il-bażi ġuridika**

Il-proposta tissejjes fuq l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat.

L-Artikolu 165 jistipula li: "*L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità billi tinkoraġġixxi koperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk ikun meħtieġ, billi tappoġġa u tissupplimenta l-azzjonijiet tagħhom.*" Fost l-għanijiet tal-azzjoni tal-UE msemmija fl-Artikolu 165(2) hemm li:

- jitħeġġeġ ir-rikonoxximent akkademiku tad-diplomi u l-perjodi ta' studju;
- jiġu żviluppati skambji tal-informazzjoni u esperjenzi dwar kwistjonijiet komuni għas-sistemi tal-edukazzjoni fl-Istati Membri.

12 [12]ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.
13 [13]ĠU L 354, 28.12.2013, p. 132.
14 COM(2016)377 tas-07.06.2016, Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

L-Artikolu 166 jistipula li: "*L-Unjoni għandha timplimenta politika ta' taħriġ vokazzjonali biex tappoġġa u tissupplementa l-azzjoni tal-Istati Membri*." L-Artikolu 166(3) jistipula li: "*L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-formazzjoni vokazzjonali*."

Il-proposta tiżgura l-kontinwità tal-proċessi mibdija bir-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK li kienet imsejsa fuq l-istess artikoli. Il-QEK fih għanijiet għall-edukazzjoni ġenerali u akkademika u għat-taħriġ vokazzjonali fil-livelli kollha. Il-QEK hu essenzjali biex jappoġġa l-mobbiltà tal-istudenti u tal-ħaddiema fi ħdan il-fruntieri ġeografiċi u settorjali u bejniethom. Dan jinkoraġġixxi l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u jappoġġa u jikkumplimenta l-azzjoni tagħhom.

- **Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

In-nuqqas ta' trasparenza, fehim u valutazzjoni tal-ħiliet u tal-kwalifiki ixekkel il-mobbiltà ġeografika u okkupazzjonali tal-ħaddiema u tal-istudenti, u dan jolqot lill-UE kollha. Dan hu kawża kbira għan-nuqqas ta' użu tal-ħiliet disponibbli, kemm minn fost iċ-ċittadini tal-UE u anke minn fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, speċjalment meta jkollhom kwalifiki barranin, u għalhekk dan hu waħda mill-kawżi l-kbar tan-nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet.

L-għodod li qed jitħaddmu bħalissa fil-livell Ewropew għandhom limiti ċari u jekk mhux se tissokta l-azzjoni politika, dik is-sitwazzjoni mhix se tinbidel lanqas. Il-mobbiltà tranfruntiera tnissel il-ħtieġa li jitwaqqfu mekkaniżmi fil-livell tal-UE ħalli jitjiebu t-trasparenza u l-għarfien tal-kwalifiki. Dan kollu ma jistax jinkiseb b'azzjoni fil-livell nazzjonali. Iżda fl-istess ħin, trid tiġi rispettata r-responsabbiltà tal-Istati Membri fejn jidħol il-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi. L-inizjattiva ma tinterfixxix fir-responsabbiltà tal-Istati Membri biex ifasslu u jiddefinixxu l-kontenut tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom.

- **Il-proporzjonalità**

L-azzjonijiet proposti bir-Rakkomandazzjoni huma proporzjonali biex jintlaħqu l-għanijiet. Il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ibbażata fuq l-Artikoli 165 u 166 tat-TFUE tiżgura l-kontinwità tal-proċessi mnedija minn pajjiżi individwali biex jirreferenzjaw l-oqfsa u l-livelli tal-kwalifiki tagħhom mal-QEK, kif previst fir-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK. Din il-proposta taħseb għall-ħtieġa li l-Istati Membri jkollhom approċċ differenzjat li jirrifletti l-sitwazzjonijiet ekonomiċi, finanzjarji u soċjali differenti, u li ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ. Se jintużaw is-sistemi tar-rappurtar eżistenti ħalli jonqos kemm jista' jkun il-piż amministrattiv.

- **L-għażla tal-istrument**

L-għażla tal-istrument — Rakkomandazzjoni tal-Kunsill — hi konformi mal-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat. Il-QEK eżistenti, li se jitħassar u jinbidel bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill riveduta, kien ibbażat fuq Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Mill-esperjenza tal-passat jidher li r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kienet għodda effettiva li l-Istati Membri implimentawha sew.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET KONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Saru żewġ evalwazzjonijiet indipendenti tar-Rakkomandazzjoni dwar il-QEK, waħda f'isem il-Parlament Ewropew[15] u l-oħra f'isem il-Kummissjoni[16]. Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tagħhom ġew adottati fir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2013 li kkonkluda li:

– għandu jsir referenzjar aktar trasparenti u koerenti mal-QEK għax is-sistemi tal-kwalifiki jinbidlu sikwit;

– għandhom jissaħħu r-rwol u l-impatt tal-oqfsa tal-kwalifiki bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim fil-livell nazzjonali u Ewropej;

– jekk jiġi ċċarat id-deskrittur tal-"kompetenza", dan jgħin biex tiżdied il-konsistenza fil-proċess tar-referenzjar;

– għandha titjieb il-komunikazzjoni dwar il-QEK biex tasal aħjar għand l-istudenti, il-ħaddiema u l-partijiet konċernati l-oħra;

– għandha tissaħħaħ ir-rabta bejn l-oqfsa tal-kwalifiki u s-sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità;

– għandu jii ċċarat ir-rwol li għandu l-QEK fejn jidħlu l-kwalifiki internazzjonali u l-kwalifiki tal-pajjiżi terzi.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati**

Ġew ikkonsultati bosta partijiet konċernati[17]. Il-konsultazzjoni saret permezz ta':

– laqgħat;

– ir-rispons għal dokument tad-diskussjoni li jiddeskrivi l-kwistjonijiet u t-toroq 'il-quddiem li huma possibbli biex jiġi rivedut il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki;

– parti mid-dokument ġenerali tad-diskussjoni dwar l-Aġenda l-Ġdida tal-Ħiliet.

It-tweġibiet ta' din il-konsultazzjoni juru appoġġ qawwi għall-QEK bħala għodda ta' trasparenza. Il-partijiet konċernati enfasizzaw l-importanza tal-proċessi nazzjonali li qed isiru u li għandhom x'jaqsmu mal-oqfsa tal-kwalifiki; u dawn ġabu flimkien lill-partijiet konċernati minn bosta setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, mis-settur tax-xogħol u mis-settur taż-żgħażagħ.

Il-konsultazzjoni appoġġat bis-sħiħ il-ħtieġa li ssir reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni. F'dan il-kuntest il-partijiet konċernati saħqu li fost il-pajjiżi hemm bżonn tiżdied il-konsistenza fir-referenzjar tar-riżultati. Barra minn hekk il-partijiet konċernati qablu wkoll li:

---

15 http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2009_2014/documents/cult/dv/esstudyeurqualifframewimplem/esstudyeurqualifframewimplemen.pdf.

16 http://ec.europa.eu/ploteus/sites/eac-eqf/files/DG%20EAC%20-%20Evaluation%20EQF%20-%20Final%20Report%20-%20Final%20Version.pdf.

17 Konsultazzjonijiet speċifiċi fuq ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-QEK li saru mal-GK tal-QEK fid-19 ta' Jannar 2016 u mas-sħab soċjali tal-UE fl-20 ta' Jannar 2016. Biex tkun taf aktar x'ħareġ minn dawn il-konsultazzjonijiet, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar bażi analitika ta' Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa, SWD(2016) 195.

– jintuża format komuni għall-eżiti tat-tagħlim, filwaqt li titqies id-diversità tal-approċċi nazzjonali;

– jiddaħħlu prinċipji komuni għall-assigurazzjoni tal-kwalità relatati ma' kull tip u livell ta' kwalifika referenzjat mal-QEK;

– jitħaddmu prinċipji komuni għas-sistemi tal-krediti marbuta mal-QEK;

– ir-Rakkomandazzjoni hemm bżonn tiġi aġġornata mar-realtà ta' żmienna u li bir-reviżjoni tkun tista' tiġi ċċarata r-Rakkomandazzjoni.

Il-partijiet konċernati qablu wkoll li r-Rakkomandazzjoni jeħtieġ tkun aktar ċara dwar il-kwalifiki (settorjali) internazzjonali. Dawn saħqu li r-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tal-kwalità u tal-eżiti tat-tagħlim li japplikaw għall-kwalifiki nazzjonali għandhom japplikaw bl-istess mod għall-kwalifiki (settorjali) internazzjonali.

Il-partijiet konċernati enfasizzaw li l-fokus ewlieni tal-QEK għandu jkun fuq il-ħolqien tat-trasparenza fl-UE (jissaħħu l-komparabbilità u s-sodezza tal-implimentazzjoni) u li l-komparabbiltà tal-kwalifiki tal-UE u tal-pajjiżi terzi ma għandux jitqies bħala prijorità immedjata għal azzjoni.

B'mod ġenerali dawn l-osservazzjonijiet jikkonfermaw ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni tal-2014 dwar iż-Żona Ewropea għall-Ħiliet u l-Kwalifiki[18].

Il-proposta tixhed il-kontribut tal-partijiet konċernati. Madankollu l-Kummissjoni jidhrilha li għandu jkun hemm rabtiet internazzjonali bejn il-QEK u l-oqfsa nazzjonali u reġjonali tal-pajjiżi terzi, u dan fil-kuntest tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni li tinkludi l-ħtieġa li titrawwem l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-migranti u l-politika esterna usa' tal-UE.

• **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għandha l-għamla ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tirrevedi għodda eżistenti u tħalli flessibbiltà għall-Istati Membri biex jiddeċiedu kif se jimplimentawha fil-livell nazzjonali. Għalhekk ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Madanakollu din il-proposta tistrieħ fuq ġabra kbira ta' evidenza empirika dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-QEK fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali. Din l-evidenza tistabbilixxi wkoll x'inhu magħruf dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-QEK eżistenti. L-evidenza kollha ddaħħlet fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Aġenda l-Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa u l-Anness tagħha maħsub għall-QEK[19].

Tqiesu dawn it-tliet opzjonijiet li ma jeskludux lil xulxin:

L-opzjoni 1: Tissaħħaħ il-komparabbiltà tal-kwalifiki b'referenzjar aktar rigoruż. Din l-opzjoni ma testendix l-ambitu ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

– Jitjiebu l-kwalità u l-koerenza tar-referenzjar: il-QEK jissaħħaħ jekk l-Istati Membri u l-Kummissjoni jintalbu jiżguraw li r-referenzjar isir b'mod koerenti kemm fil-livell ta' sistema u anki fil-livell ta' kwalifika, b'rikonoxximent espliċitu tal-kriterji tar-referenzjar. Isir espliċitu li r-referenzjar mhux proċess ta' darba bi skadenza

[18] http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/more_info/consultations/documents/skills-results_en.pdf.

[19] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Bażi Analitika ta' Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa; SWD(2016) 195.

waħdanija (bħalissa l-2010) iżda proċess kontinwu li matulu l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li l-informazzjoni ppubblikata dwar ir-referenzjar tkun aġġornata u tirrifletti l-iżviluppi nazzjonali.

– It-terminu "kompetenza" bħala intestatura tat-tielet kolonna tad-deskritturi tal-QEK (l-Anness II tar-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK) isir "Responsabbiltà/Awtonomija" għax it-terminu "kompetenza" ma jintużax b'mod konsistenti fir-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK. Jekk titneħħa din l-inkonsistenza kunċettwali, jissaħħaħ l-approċċ tal-eżiti tat-tagħlim li jippromwovi l-QEK.

– Jitjiebu t-tixrid u l-komunikazzjoni tal-QEK: L-Istati Membri jintalbu jippubblikaw ir-riżultati tal-proċess tar-referenzjar u l-informazzjoni dwar il-kwalifiki fil-livell nazzjonali u Ewropew. L-informazzjoni bażika li trid tiġi ppubblikata fuq kull kwalifika se tingħabar b'format komuni. Se tinħoloq grafika biex turi kif iċ-ċertifikati u d-diplomi għandhom jesprimu viżwalment il-livelli tal-QEK.

– Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-QEK se tistabbilixxi prinċipji komuni għall-assigurazzjoni tal-kwalità biex jitħaddmu waqt ir-referenzjar tal-kwalifiki mal-QEK. Matul dan il-proċess se tibqa' tiġi rispettata bis-sħiħ ir-responsabbiltà tal-Istati Membri fejn jidħlu l-mekkaniżmi tal-assigurazzjoni tal-kwalità li japplikaw għall-kwalifiki nazzjonali[20], u dan f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

– Se jinħolqu prinċipji għas-sistemi tal-krediti relatati mal-QEK biex tissaħħaħ il-komunikazzjoni bejn is-sistemi tal-krediti u l-kwalifiki. Dan itejjeb il-portabilità tal-eżiti tat-tagħlim (tal-komponenti) tal-kwalifiki f'xenarji differenti tat-tagħlim, inklużi l-eżiti tat-tagħlim miksuba bit-tagħlim mhux formali u informali.

Ir-Rakkomandazzjoni attwali se tiġi riveduta abbażi tal-Artikoli 165 u 166 tat-TFUE.

L-opzjoni 2: Jinħolqu kriterji tar-referenzjar u jissawwar mekkaniżmu biex l-oqfsa tal-kwalifiki internazzjonali u l-oqfsa tal-kwalifiki settorjali internazzjonali jiġu referenzjati mal-QEK: din l-opzjoni tiċċara d-dispożizzjoni fir-Rakkomandazzjoni attwali dwar il-kwalifiki (settorjali) internazzjonali. Din tinkludi wkoll l-azzjonijiet proposti fl-opzjoni 1.

Dan ikun ifisser li flimkien mal-Istati Membri jinħolqu kriterji tar-referenzjar tal-kwalifiki (settorjali) internazzjonali u proċess komuni għall-allokazzjoni tal-livelli tal-QEK lill-kwalifiki (settorjali) internazzjonali[21].

Ir-Rakkomandazzjoni attwali se tiġi riveduta abbażi tal-Artikoli 165 u 166 tat-TFUE.

L-opzjoni 3: Jitjieb il-komparabbiltà tal-kwalifiki mogħtija fl-UE mal-kwalifiki tal-pajjiżi terzi. Din l-opzjoni testendi l-ambitu tal-QEK. Din tinkludi wkoll l-azzjonijiet proposti fl-opzjoni 1.

[20] Il-prinċipji huma kompatibbli għalkollox mal-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (l-EHEA-ESG) u mal-Qafas Ewropew ta' Referenza tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (l-EQAVET). Il-prinċipji tal-assigurazzjoni tal-kwalità għall-edukazzjoni ġenerali fil-livell tal-UE huma s-suġġett ta' diskussjoni li għaddejja fil-qafas tal-ET2020.

[21] Dan isir mingħajr preġudizzju għall-proċeduri nazzjonali li jinkludu l-kwalifiki fl-oqsfa nazzjonali għall-kwalifiki.

Dan ikun ifisser li jissawru mekkaniżmi għall-komparabbiltà tal-kwalifiki mogħtija fl-UE u l-kwalifiki tal-terzi pajjiżi, inklużi erba' każijiet differenti:

– Djalogi strutturati mal-pajjiżi ġirien tal-UE bi ftehim ta' assoċjazzjoni mal-UE, li possibbilment iwasslu biex il-qafas nazzjonali għall-kwalifiki tagħhom jiġi referenzjat mal-QEK;

– allinjament tal-QEK ma' oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki li huma maturi, inkluż bi tqabbil ta' livell ma' livell;

– allinjament tal-QEK ma' oqfsa reġjonali għall-kwalifiki minn madwar id-dinja u li huma maturi, inkluż bi tqabbil ta' livell ma' livell;

– appoġġ tal-UE (ngħidu aħna b'għajnuna għall-iżvilupp) lill-pajjiżi biex jiżviluppaw oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki.

Ir-Rakkomandazzjoni attwali se tiġi riveduta abbażi tal-Artikoli 165 u 166 tat-TFUE.

L-analiżi u l-paragun tal-opzjonijiet qed jiġu ppreżentati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni[22] skont l-evidenza disponibbli.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Qed jintużaw ir-riżorsi eżistenti tal-programm Erasmus+ biex titwieżen l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ma teħtieġ l-ebda baġit addizzjonali tal-UE u l-ebda persunal għall-Kummissjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

• Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Il-proposta għal Rakkomandazzjoni dwar il-QEK riveduta se tħassar u tieħu post ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja.

Ir-Rakkomandazzjoni riveduta se żżomm dawn l-elementi tar-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK:

– Hu rakkomandat li l-Istati Membri jużaw il-QEK bħala għodda ta' referenza biex iqabblu l-livelli tal-kwalifiki ta' sistemi nazzjonali tal-kwalifiki differenti;

– Hu rakkomandat li l-Istati Membri jorbtu s-sistemi u livelli tal-kwalifiki mal-QEK b'mod trasparenti, b'approċċ ibbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim;

– L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri biex jiżguraw li kull ċertifikat, diploma jew suppliment tal-kwalifika ġdid li joħorġu l-awtoritajiet kompetenti jkollu referenza ċara għal-livell tal-QEK proprju ħalli l-individwi u l-impjegaturi jkunu jistgħu jagħrfu l-ġid li ġġib magħha ż-żieda fit-trasparenza tal-kwalifiki.

Meta mqabblin mar-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK, dawn huma elementi mibdula jew ġodda:

[22] SWD (2016) 195

– se jkun rakkomandat li l-Istati Membri jaġġornaw ir-referenzjar b'mod regolari. B'hekk it-tqabbil tal-livelli nazzjonali tal-kwalifiki mal-livelli tal-QEK jibqa' rilevanti u skont is-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki;

– se jkun rakkomandat li l-Istati Membri japplikaw il-metodoloġiji fir-referenzjar ħalli jiżguraw konsistenza fl-implimentazzjoni tal-QEK fl-Istati Membri kollha;

– it-terminu "kompetenzi" fid-deskritturi tal-QEK (l-Anness II) bħala tip ta' eżitu tat-tagħlim isir "awtonomija u responsabbiltà" biex ikun konformi aktar mad-deskritturi korrispondenti tal-eżiti tat-tagħlim;

– il-kriterji tar-referenzjar tal-QEK għall-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki li kien żviluppa l-GK tal-QEK mill-2008 ddaħħlu fir-Rakkomandazzjoni bħala l-Anness III;

– ir-Rakkomandazzjoni tipproponi anness rivedut dwar il-prinċipji tal-assigurazzjoni tal-kwalità li għandhom jiġu applikati għall-kwalifiki li jridu jiġu referenzjati mal-QEK (l-Anness IV). Dawn il-prinċipji jirrispettaw bis-sħiħ ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li joħolqu mekkaniżmi nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità li jkunu japplikaw għall-kwalifiki nazzjonali, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Dawn il-prinċipji komuni huma kompatibbli mal-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (l-EHEA-ESG) u mal-Qafas Ewropew ta' Referenza tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (l-EQAVET). Il-prinċipji tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità fil-livell Ewropew għall-edukazzjoni ġenerali huma soġġetti għad-diskussjoni li għaddejja fil-kuntest tal-ET2020.

– jiżdied anness dwar il-prinċipji għas-sistemi tal-krediti relatati mal-QEK (l-Anness V);

– il-proposta tistieden lill-Istati Membri biex wara tar-referenzjar, ir-riżultati tal-proċess tar-referenzjar jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku. L-Istati Membri għandhom jibqgħu jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-kwalifiki u l-eżiti tat-tagħlim tagħhom tkun aċċessibbli u ppubblikata. Għal dan il-għan, ġie propost li l-Anness VI jiġbor l-elementi għal format komuni għad-deskrizzjoni tal-kwalifiki;

– il-proposta tistieden lill-Kummissjoni biex id f'id mal-Istati Membri u mal-partijiet konċernati tesplora l-possibbiltà li jiġi żviluppat reġistru Ewropew, barra mill-qasam tal-edukazzjoni ogħla, li jiġbor il-korpi li jwettqu l-monitoraġġ tas-sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-kwalifiki. Dan ir-reġistru jkun jixbah lir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-edukazzjoni ogħla msemmi hawn fuq;

– il-proposta tistieden lill-Kummissjoni biex toħloq grafika standardizzata li tikkomunika l-QEK. Din tiżgura komunikazzjoni aħjar mal-istudenti, mal-ħaddiema u mal-partijiet konċernati l-oħra;

– ir-Rakkomandazzjoni riveduta tistabbilixxi l-pedamenti għal relazzjonijiet bejn l-oqfsa nazzjonali u reġjonali għall-kwalifiki tal-pajjiżi terzi u l-QEK, anki jekk dawn ma għandhomx il-prijorità ewlenija tal-implimentazzjoni. Dawn ir-relazzjonijiet għandhom ikunu skont il-ftehimiet internazzjonali;

– il-Kummissjoni beħsiebha twaqqaf grupp ta' esperti li jipprovdi l-pjattaforma meħtieġa għal koperazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet konċernati rilevanti fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Dan se jkun jinkludi l-kompiti li ilu jimplimenta l-GK tal-QEK mill-2008;

– il-proposta tistieden lill-Istati Membri biex isaħħu l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni nazzjonali tal-QEK;

– ir-Rakkomandazzjoni ma għadhiex tagħmel xi referenza espliċita għal organizzazzjonijiet settorjali internazzjonali permezz tal-livelli ta' referenza u l-prinċipji tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki.

2016/0180 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja u li tħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165 u 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-kwalifiki għandhom diversi skopijiet. Lill-impjegaturi dawn juruh fil-prinċipju x'jafu u x'kapaċi jagħmlu d-detenturi tagħhom, jiġifieri juruh dawk magħrufa bħala "l-eżiti tat-tagħlim". Dawn jaf ikunu prerekwiżit biex wieħed jaċċessa ċertu professjonijiet regolati. Lill-awtoritajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u lill-fornituri, dawn jgħinuhom jiddeterminaw il-livell u l-kontenut tat-tagħlim li jkun kiseb individwu. U għal dan l-individwu , dawn huma importanti għax juruh il-kisbiet personali. Għaldaqstant il-kwalifiki għandhom rwol importanti biex tiżdied l-impjegabbiltà, jefiefu l-mobbiltà u l-aċċess għal avvanz fl-edukazzjoni.

(2) Il-kwalifiki huma r-riżultat formali ta' proċess tal-valutazzjoni u tal-validazzjoni minn korp kompetenti, u tipikament jieħdu l-għamla ta' dokument rikonoxxibbli bħalma huma ċ-ċertifikati jew id-diplomi. Dawn jixhdu li individwu partikolari jkun kiseb eżiti tat-tagħlim sal-livelli preskritti. Dawn l-eżiti tat-tagħlim jistgħu jinkisbu b'bosta mogħdijiet differenti fix-xenarji formali, mhux formali jew informali. L-informazzjoni dwar l-eżiti tat-tagħlim għandha tkun aċċessibbli faċilment u trasparenti.

(3) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja[23] ("ir-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK") sawret qafas ta' referenza komuni bi tmien livelli ta' kwalifiki, espress bħala eżiti tat-tagħlim b'livelli dejjem akbar ta' profiċjenza. Dawn iservu bħala "tabella ta' konverżjoni" bejn is-sistemi tal-kwalifiki differenti u l-livelli tagħhom Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (il-QEK) għandu l-iskop li jtejjeb it-trasparenza, il-komparabbiltà u l-portabbiltà tal-kwalifiki tan-nies.

(4) L-għanijiet usa' tar-Rakkomandazzjoni huma li tgħin fil-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u biex jiżdiedu l-impjegabbiltà, il-mobbiltà u l-integrazzjoni soċjali tal-ħaddiema u tal-istudenti. Din timmira wkoll li torbot aħjar it-tagħlim formali, mhux formali u informali, u b'hekk twassal ukoll għal validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim li nkisbu bl-esperjenza.

[23] [23]ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1.

(5) L-Istati Membri żviluppaw oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki msejsa fuq l-eżiti tat-tagħlim u rabtuhom mal-QEK permezz tal-proċess imsejjaħ "ir-referenzjar". Il-livelli tal-QEK u d-deskritturi tal-eżiti tat-tagħlim għenu biex jissaħħu t-trasparenza u l-komparabbiltà tal-kwalifiki fil-livell tas-sistema. Dawn għenu wkoll għal ċaqliqa ġenerali fl-edukazzjoni u fit-taħriġ li hija orjentata lejn l-eżiti tat-tagħlim.

(6) Il-kwalifiki li għandhom l-individwi jkunu aktar trasparenti u komparabbli jekk jiġu ppreżentati f'dokumenti li jkollhom referenza għal-livell tal-QEK rilevanti u applikabbli, u deskrizzjoni tal-eżiti tat-tagħlim miksuba.

(7) Fl-implimentazzjoni tal-QEK fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali għandhom jiġu involuti firxa wiesgħa ta' partijiet konċernati ħalli jkun żgurat li jkollu appoġġ wiesa'. Il-partijiet konċernati ewlenin huma: il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ (formali u mhux formali), l-awtoritajiet tal-kwalifiki, l-impjegaturi, it-trade unions, il-kmamar tal-industrija, tal-kummerċ u tal-artiġjanat, il-korpi involuti fir-rikonoxximent tal-kwalifiki akkademiċi u professjonali, is-servizzi tal-impjiegi u s-servizzi responsabbli mill-integrazzjoni tal-migranti.

(8) Fir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2013 dwar l-evalwazzjoni tal-QEK[24] il-Kummissjoni tikkonkludi li l-QEK hu aċċettat b'mod wiesa' bħala punt ta' referenza fl-iżvilupp tal-oqfsa tal-kwalifiki, fl-implimentazzjoni tal-approċċ tal-eżiti tat-tagħlim, u fl-avvanz fit-trasparenza u r-rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kompetenzi. Dan jenfasizza li l-UE għandha tagħmilha possibbli għall-istudenti u għall-ħaddiema li jtejbu l-viżibbiltà tal-ħiliet tagħhom irrispettivament imnejn kisbuhom.

(9) It-trasparenza u r-rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kwalifiki huma waħda mill-prijoritajiet il-ġodda fil-qafas strateġiku għall-koperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ sal-2020 (l-ET2020), li ġie adottat fl-2015[25]. Ir-rapport jisħaq li l-QEK għandu jkompli jiġi żviluppat biex il-kwalifiki jsiru aktar trasparenti u komparabbli. Fejn jidħlu l-migranti li jkun għadhom kif waslu, l-istrumenti tat-trasparenza eżistenti jistgħu jgħinu wkoll biex il-kwalifiki barranin jinftiehmu aħjar fl-UE, u viċi versa.

(10) Il-QEK u l-oqsfa nazzjonali għall-kwalifiki referenzjati miegħu jistgħu jwieżnu l-prattiki eżistenti tar-rikonoxximent billi jtejbu l-fiduċja, il-fehim u l-komparabbiltà tal-kwalifiki miksuba. B'dan il-mod, il-proċess tar-rikonoxximent għall-finijiet ta' tagħlim u xogħol isir eħfef.

(11) Is-sistemi u l-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki jinbidlu maż-żmien u għalhekk ir-referenzjar tagħhom mal-QEK għandu jiġi aġġornat b'mod regolari.

(12) Il-fiduċja fil-kwalità u fil-livell tal-kwalifiki rreferenzjati mal-QEK hi essenzjali jekk irridu nappoġġaw il-mobbiltà tal-istudenti u tal-ħaddiema fi ħdan il-fruntieri ġeografiċi u settorjali u bejniethom. Ir-Rakkomandazzjoni tal-2008 dwar il-QEK fiha prinċipji komuni għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni ogħla u fl-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ. Dawn ukoll għandhom jirrispettaw bis-sħiħ ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li joħolqu l-mekkaniżmi tal-assigurazzjoni tal-kwalità li jkunu japplikaw għall-kwalifiki nazzjonali, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (l-EHEA-ESG)[26] u l-Qafas Ewropew ta' Referenza

24 [24]COM(2013) 897 final.

25 [25]ĠU C 417, 15.12.2015, p. 25.

26 http://www.enqa.eu/wp-content/uploads/2015/11/ESG_2015.pdf.

tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (l-EQAVET)[27] jifirxu l-pedament għal dawn il-prinċipji komuni[28].

(13) Is-sistemi tal-krediti jgħinu lill-individwi biex javvanzaw fit-tagħlim billi jħeffulhom it-trasferiment fost diversi livelli u tipi differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ u bejn il-fruntieri nazzjonali. Dawn iħeffu t-tfassil, it-twettiq u l-valutazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim tal-kwalifiki kompluti jew ta' xi komponenti tal-kwalifiki. Lill-istudenti dawn jagħtuhom il-possibbiltà li jgħaqqdu bosta eżiti tat-tagħlim li jkunu kisbu f'kuntesti differenti tat-tagħlim, inkluż fit-tagħlim diġitali, mhux formali u informali.

(14) Ħafna mis-sistemi tal-krediti eżistenti fil-livell nazzjonali u fil-livell Ewropew jaħdmu f'kuntesti istituzzjonali bħall-edukazzjoni ogħla jew l-edukazzjoni t-taħriġ vokazzjonali. Fil-livell Ewropew, għall-edukazzjoni ogħla nħolqot is-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment tal-Krediti (l-ECTS)[29] fil-kuntest taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja. Għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inħolqot is-Sistema Ewropea tal-Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (l-ECVET)[30] permezz ta' Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Kulma jmur qed tiżdied il-ħtieġa ta' permeabbiltà fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u li l-mogħdijiet tat-tagħlim ikunu aktar flessibbli. Bi tweġiba għal dan, jeħtieġ li s-sinerġiji bejn l-oqfsa tal-kwalifiki u s-sistemi tal-krediti jkunu eqreb, u li s-sistemi tal-krediti jaħdmu aħjar flimkien.

(15) Filwaqt li l-*acquis* tal-UE dwar il-migrazzjoni legali u l-ażil jipprovdi għal trattament ugwali liċ-ċittadini f'dak li għandu x'jaqsam mar-rikonoxximent tal-kwalifiki (u anke għal miżuri ta' faċilitazzjoni fejn jidħlu l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali[31]), iċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi b'edukazzjoni terzjarja għadhom qed iġarrbu rati għoljin ta' soprakwalifiki u sottoimpjiegi. Permezz tal-koperazzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi fit-trasparenza tal-kwalifiki tista' titrawwem l-integrazzjoni tal-migranti fis-swieq tax-xogħol fl-Unjoni. Billi l-flussi migratorji lejn u mill-Unjoni qed jikbru, hemm bżonn li l-kwalifiki mogħtija barra mill-Unjoni jinftiehmu aħjar. Kulma jmur, l-għadd ta' pajjiżi li qed jippruvaw iqarrbu l-qafas tal-kwalifiki tagħhom lejn il-QEK qed jiżdied.

(16) L-Artikolu 49a tad-Direttiva 2005/36/KE riveduta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] jistipula li jistgħu jissawru "*oqfsa komuni tat-taħriġ*" għal professjonijiet regolati permezz ta' att delegat tal-Kummissjoni bħala sett komuni ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi. L-oqfsa komuni tat-taħriġ għandhom "*jiġu bbażati fuq il-livelli tal-QEK*". Meta tiġi biex toħloq l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li juntuża l-għarfien espert eżistenti fuq l-implimentazzjoni tal-QEK. Ir-referenza għal-livelli tal-QEK fil-kwalifiki ma għandhiex taffettwa l-aċċess għas-suq tax-xogħol meta l-kwalifiki professjonali jkunu ġew rikonoxxuti skond id-Direttiva 2005/36/KE.

---

27 ĠU C 155, 8.7.2009, p. 1.

28 Il-prinċipji tal-assigurazzjoni tal-kwalità fil-livell Ewropew għall-edukazzjoni ġenerali huma soġġetti għad-diskussjoni li għaddejja fil-qafas tal-ET2020.

29 http://ec.europa.eu/education/library/publications/2015/ects-users-guide_en.pdf.

30 ĠU C 155, 8.7.2009, p. 11.

31 Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija.

32 Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali, ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

(17) Il-Qafas tal-Kwalifiki taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (il-QF-EHEA)[33] jipprovdi deskritturi għall-ewwel, it-tieni u t-tielet ċiklu tal-edukazzjoni ogħla. Kull deskrittur taċ-ċiklu fih dikjarazzjoni ġenerika tal-kisbiet u tal-abbiltajiet assoċjati mal-kwalifiki mogħtija fi tmiem dak iċ-ċiklu. Il-QEK hu kompatibbli mal-QF-EHEA u mad-deskritturi taċ-ċikli tiegħu. Il-livelli 5-8 tal-QEK jikkorrispondu għall-ewwel (inkluż iċ-ċiklu l-qasir fi ħdanu jew marbut miegħu), għat-tieni u għat-tielet ċiklu rispettivament tal-QF-EHEA, bħalma jkompli jispeċifika l-Anness II.

(18) Id-Deċiżjoni Nru 2241/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas Komunitarju waħdieni għat-trasparenza tal-kwalifiki u tal-kompetenzi (Europass)[34] li lin-nies jgħinhom jippreżentaw il-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom aħjar.

(19) Il-Klassifikazzjoni multilingwi Ewropea tal-Ħiliet, il-Kompetenzi, il-Kwalifiki u l-Impjiegi ("il-klassifikazzjoni l-ESCO") tappoġġa rabta aħjar bejn l-edukazzjoni u l-impjieg. L-informazzjoni fuq il-kwalifiki rreferenzjati ma-QEK se tkun riflessa fl-ESCO.

(20) L-informazzjoni fuq il-proċess tar-referenzjar tal-oqfsa tal-kwalifiki mal-QEK u fuq il-kwalifiki rreferenzjati mal-QEK għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku faċilment, fosthom permezz tal-qafas tal-Europass. Dan il-għan jitwieżen jekk għad-deskrizzjoni tal-kwalifiki jintużaw struttura tad-dejta, formati u metodi tal-awtentikazzjoni komuni. B'dan il-mod, wieħed isibha eħfef biex jifhem u juża l-informazzjoni ppubblikata fuq il-kwalifiki.

(21) Biex il-QEK ikun aktar viżibbli u jilħaq aħjar lill-utenti, id-dokumenti, bħaċ-ċertifikati u d-diplomi, tal-kwalifiki l-ġodda li jkunu referenzjati mal-QEK għandu jkollhom grafika li tagħmel referenza għal-livell tal-QEK proprju.

(22) Fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni għandu jkun hemm koerenza, komplimentarjetà u sinerġiji bejn l-implimentazzjoni tal-QEK, l-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki u l-għodod eżistenti u futuri għat-trasparenza u għar-rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kwalifiki, inkluż dawk għall-assigurazzjoni tal-kwalità, l-akkumulazzjoni u trasferimenti tal-krediti u dawk żviluppati fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja.

(23) Din ir-Rakkomandazzjoni tikkonsolida l-QEK bħala qafas ta' referenza komuni bi tmien livelli espressi bħala eżiti tat-tagħlim li jservi bħala "tabella ta' konverżjoni" bejn l-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki differenti, is-sistemi u l-livelli tagħhom.

(24) Il-Kummissjoni beħsiebha ssawwar pjattaforma għall-koperazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet konċernati rilevanti fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Din se tinkludi l-kompiti implimentati mill-GK tal-QEK mill-2008.

(25) L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni tal-kompiti li jwettqu l-Punti ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-QEK mill-2008.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

(1) Jużaw il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki bħala għodda biex iqabblu t-tipi u l-livelli kollha tal-kwalifiki fl-Unjoni.

(2) Jirreferenzjaw is-sistemi u l-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki tagħhom mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, b'mod partikolari billi jirreferenzjaw il-livelli tal-kwalifiki

[33] http://www.ehea.info/Uploads/qualification/QF-EHEA-May2005.pdf.
[34] ĠU L 390, 31.12.2004, p. 6.

tagħhom mal-livelli tal-QEK stabbiliti fl-Anness II u billi jintużaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness III.

(3) Jaġġornaw ir-referenzjar tal-livelli tal-qafas nazzjonali għall-kwalifiki mal-livelli tal-QEK stabbiliti fl-Anness II u billi jintużaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness III, fuq bażi regolari u b'intervall massimu ta' ħames snin.

(4) Jiżguraw li l-kwalifiki referenzjati jkunu konformi mal-prinċipji komuni għall-assigurazzjoni tal-kwalità stabbiliti fl-Anness IV, mingħajr preġudizzju għall-prinċipji nazzjoanli tal-assigurazzjoni tal-kwalità li jkunu japplikaw għall-kwalifiki nazzjonali.

(5) Jiżguraw li s-sistemi tal-krediti relatati mas-sistemi u l-oqfsa nazzjonali għall-kwalifiki jkunu konformi mal-prinċipji komuni għas-sistemi tal-krediti stabbiliti fl-Anness V, mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet nazzjonali dwar l-użu tas-sistemi tal-krediti.

(6) Jieħdu l-miżuri biex jiżguraw li kull ċertifikat, diploma jew suppliment tal-kwalifika ġdid li joħorġu l-awtoritajiet kompetenti jkollu referenza ċara għal-livell tal-QEK proprju.

(7) Jippubblikaw ir-riżultati tal-proċess tar-referenzjar kemm fil-livell nazzjonali u kif ukoll fil-livell tal-UE u jiżguraw li l-informazzjoni fuq il-kwalifiki u l-eżiti tat-tagħlim tagħhom tkun aċċessibbli u ppubblikata bil-format komuni stabbilit fl-Anness VI.

(8) Iħeġġu lis-sħab soċjali, lis-servizzi pubbliċi tax-xogħol, lill-fornituri tal-edukazzjoni u lill-awtoritajiet pubbliċi biex jużaw il-QEK ħalli jappoġġaw it-tqabbil tal-kwalifiki u t-trasparenza tal-eżiti tat-tagħlim tagħhom.

(9) Isaħħu l-koordinazzjoni nazzjonali fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, filwaqt li jitqiesu t-tagħlimiet miksuba mill-operazzjonijiet tal-korpi nazzjonali li jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-KUMMISSJONI, ID F'ID MAL-ISTATI MEMBRI U MAL-PARTIJIET KONĊERNATI:

(10) Tappoġġa l-konsistenza fl-implimentazzjoni tal-QEK fost l-Istati Membri billi tiżviluppa metodoloġiji li jinvellaw il-kwalifiki nazzjonali.

(11) Tiżviluppa metodoloġiji għall-użu u l-applikazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim fil-kwalifiki.

(12) Tgħarrex il-possibbiltà li tiżviluppa reġistru, barra mill-qasam tal-edukazzjoni ogħla, li jiġbor il-kopri li jwettqu l-monitoraġġ tas-sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-kwalifiki.

(13) Toħloq format standard għad-deskrizzjoni tal-eżiti tat-tagħlim biex jintuża għal finijiet ta' tqabbil.

(14) Tistandardizza l-mod kif issir il-komunikazzjoni dwar il-QEK, b'mod partikolari kif tippreżenta l-livelli tal-QEK fuq iċ-ċertifikati, id-diplomi u s-supplimenti tal-kwalifiki l-ġodda.

(15) Twieżen l-iżvilupp u l-applikazzjoni gradwali tal-kriterji u tal-proċeduri ħalli l-oqfsa nazzjonali u reġjonali għall-kwalifiki tal-pajjiżi terzi jkunu jistgħu jitqabblu mal-QEK, f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali.

(16) Tistabbilixxi reviżjonijiet bejn il-pari u skambji tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri.

(17) Tiżgura l-iżvilupp tal-QEK b'koerenza sħiħa mal-koperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ skont il-qafas strateġiku ET2020.

(18) Tiżgura li l-programm Erasmus+ jintuża biex titwieżen l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-KUMMISSJONI:

(19) Tirrapporta fuq il-progress li jkun sar wara l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, kif xieraq, fil-kuntest tal-oqsfa tal-politika rilevanti dwar l-edukazzjoni/taħriġ u l-impjiegi.

(20) B'koperazzjoni mal-Istati Membri u wara konsultazzjoni mal-partijiet konċernati, tivvaluta u tevalwa l-azzjoni meħuda bħala segwitu ta' din ir-Rakkomandazzjoni, u sal-2022 tgħarraf lill-Kunsill dwar l-esperjenza miksuba u l-implikazzjonijiet għall-futur, inkluż dwar ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni, jekk dan ikun meħtieġ.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li tistabbilixxi l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja tħassret.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President